

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Darmstadt (il-Ġermanja) fit-30 ta' Lulju 2019 – RJ vs Stadt Offenbach am Main

(Kawża C-580/19)

(2019/C 372/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Darmstadt

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: RJ

Konvenuta: Stadt Offenbach am Main

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/88/KE ⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li għandhom jitqiesu bħala ħin tax-xogħol il-perijodi ta' stand-by li matulhom l-ħaddiem ikollu l-obbligu li jmur fil-partijiet ta' barra tal-belt fejn huwa assenjat, bl-uniformi u fil-vettura ta' intervent tiegħu, fi żmien 20 minuta, minkejja li l-persuna li timpjegah ma timponix fuqu post li fih għandu jkun preżenti fiżikament, iżda fejn il-ħaddiem ikun madankollu suġġett għal restrizzjonijiet importanti fl-għażla tal-post fejn huwa jinsab u fil-possibiltajiet li huwa jkollu sabiex jiddedika ruħu għall-interessi personali u soċjali tiegħu?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/88/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik deskritta fl-ewwel domanda preliminari, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll, fid-definizzjoni tal-kunċett ta' ħin tax-xogħol, il-punt dwar jekk, u sa fejn, matul il-perijodi ta' on-call li huwa għandu jwettaq f'post mhux deċiż mill-persuna li timpjega, il-ħaddiem għandu bħala regola ġenerali jistenna li jissejjaħ sabiex imur għal intervent?

⁽¹⁾ Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

Appell ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2019 minn Csanád Szegedi mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fis-27 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża T-135/18, Csanád Szegedi vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża C-628/19 P)

(2019/C 372/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Appellant: Csanád Szegedi (rappreżentant: K. Bodó, ügyvéd)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew